# FIL-QORTI ĊIVILI

# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, il-Ġimgħa, 10 ta' Jannar, 2025

**Kawża Nru. 6**

**Rik. Nru. 56/2024 ISB**

**Riċevitur Uffiċjali fil-kapaċita' tagħha ta' stralċjarja tal-kumpanija Cassar & Schembri Marketing Ltd et**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** tar-**Riċevitur Uffiċjali fil-kapaċita' tagħha ta' stralċjarja tal-kumpanija Cassar & Schembri Marketing Ltd**, intavolat fil-11 ta' Ġunju 2024, u li permezz tiegħu talbet lill-Qorti sabiex:

1. ***Tordna** lir-Reġistratur tal-Kumpaniji terġa' ddaħħal l-isem tal-kumpanija Cassar & Schembri (Marketing) Ltd fir-Reġistru tal-Kumpaniji, **għal żmien qasir illi jiġi ddeterminat minn dina l-Onorabbli Qorti**, u dan taħt dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni, sabiex b'hekk l-istess kumpanija titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma*

*ġiex imħassar u sabiex tagħmel dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa ai termini tal-liġi relattivi għal tali inserzjoni fir-Reġistru tal-Kumpaniji, u dana biex l-istess esponenti tkun tista' tqassam l-assi tal-kumpanija Cassar & Schembri (Marketing) Ltd skond il-pregradwazzjoni korretta msemmija hawn fuq;*

2. ***Tordna** li kopja uffiċjali tas-sentenza, ossia l-ordni mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti, tiġi notifikata jew konsenjata mir-Reġistratur tal-Qorti lir-Reġistratur tal-Kumpaniji għal finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.*

U dan wara li ppremettiet:

*Illi l-kumpanija Cassar & Schembri (Marketing) Ltd (C 33174) kienet ġiet xjolta b'effett mit-28 ta' Jannar 2015 permezz ta' sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, tat-3 ta' Novembru 2015, u l-avukat Dr Richard Galea Debono kien inħatar bħala stralċjarju tal-imsemmija kumpanija. Sussegwentement, skond digriet tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Kummerċ datat fil-15 ta' Lulju 2021, Dr Richard Galea Debono kien ġie eżonerat mir-rwol ta' stralċjarju u minfloku l-Qorti ħatret lir-Riċevitur Uffiċjali sabiex tissostitwixxieh;*

*Illi l-esponenti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) datata l-1 ta' Marzu 2024 fejn l-esponenti nħelset mill-ħatra tagħha ta' stralċjarja kif ukoll illi l-isem tal-kumpanija xjolta ġie ordnat li jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpaniji b'effett minn dakinhar. Kopja tas-sentenza qed tiġi annessa u mmarkata bħala **DOK A**;*

*Illi l-esponenti tirrileva illi meta hija ssottomettiet nota fl-4 ta' Diċembru 2023, kopja tagħha qed tiġi annessa u mmarkata bħala **DOK B**, bil-lista tal-kredituri tal-kumpannija kif ukoll il-pregradwazzjoni tal-kredituri, kien hemm żball fil-pregradwazzjoni tal-kredituri u dana minħabba l-fatt illi l-esponenti reċentament skopriet illi l-kreditur BNF Bank plc, bin-numru ta' registrazzzjoni C 41030, kellu żewġ ipoteki bin-numri 4965/2011 u 4966/2011 favur tiegħu u għalhekk kellu jippregradwa qabel kredituri oħrajn. Kopja ta' dawn l-ipoteki qed jiġu annessi u mmarkati bħala **DOK Ċ**.*

*Illi, għaldaqstant, BNF Bank plc kellu jippregradwa fil-ħames grad kif indikat hawn taħt:*

| *Grad* | *Kreditur* | *Kreditu skond kif dikjarat lil-likwidatur* | *Kawtela* |
|---|---|---|---|
| ***L-ewwel*** | *Spejjeż Riċevitur Uffiċjali* | *Skond digriet tal-Onorabbli Qorti* | ***Art. 258(2) tal-Kap. 386*** |
| ***It-tieni*** | *Spejjeż Ġudizzjarji* | *Skond taxxa uffiċjali mir-Reġistratur tal-Qrati* | ***Art. 2003(a) tal-Kap. 12 u Art. 258(2) tal-Kap. 386*** |
| ***It-tielet*** | *Remunerazzjoni tar-Riċevitur Uffiċjali* | *Skond digriet tal-Onorabbli Qorti* | ***Art. 258(2) tal-Kap. 386*** |

| | | |
|---|---|---|
| ***Ir-raba'*** | *Kumissarju tat-Taxxi – Sigurta' Soċjali* | *Komunikazzjoni diretta* |
| ***Il-ħames*** | *BNF Bank plc* | *Kif mitlub mill-kreditur* |
| ***Is-sitt*** | *Kumissarju tat-Taxxi – Taxxa fuq id-dħul* | *Komunikazzjoni diretta* |
| ***Is-seba'*** | *Kredituri ordinarji fi proporzjon tad-dejn oriġinali tagħhom* | |

*Illi ai termini tal-Artikolu 300B(1) tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta): "Meta kumpanija tkun tħassret minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna hi li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ";*

*Illi ai termini tal-Artikolu 300B(5) tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta):*

*"Ma jista' jsir ebda rikors taħt dan l-artikolu wara li jgħaddu ħames snin mid-data li fiha l-isem tal-kumpanija jkun tħassar mir-reġistru";*

*Illi l-esponenti qed tagħmel dan ir-rikors bħala (i) persuna interessata u (ii) fi żmien ħames snin mid-data li fiha l-isem tal-kumpanija ġie mħassar mir-reġistru hekk kif tistipula l-liġi msemmija hawn fuq.*

Rat id-dokumenti ppreżentati mar-rikors (Dok A sa Dok C, fol 4 sa fol 25).

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta` Ġunju 2024, minn fejn jirriżulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-23 ta' Settembru fil-11:00am, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lill-intimat Registratur tal-Kumpanniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Reġistratur tal-Kumpanniji kien notifikat fid-19 ta' Lulju 2024 (ara tergo ta` fol 27).

Rat in-nota tar-rikorrenti mressqa fit-2 t'Awwissu 2024 (fol 30) li permezz tagħha ppreżentat affidavit tagħha stress, b'dokumenti annessi (fol 31 sa fol 42).

Rat illi fis-6 ta' Awwissu 2024, ir-**Reġistratur tal-Kumpanniji** intimat ippreżenta r-risposta tiegħu (fol 43), li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi in kwantu għall-meriti fattwali kollha ta' din il-kawza, l-intimata tirrimetti ruħha għall-provi u għall-ġudizzju abbli u superjuri ta' dina l-Onorabbli Qorti;*

*Illi prezentament l-isem tal-kumpanija Cassar & Schembri (Marketing) Ltd. (C 33174) jinsab mħassar minn fuq ir-Reġistru wara illi dina l-Onorabbli Qorti ordnat l-kanċellament tiegħu b' effett mil-1 ta' Marzu 2024. Permezz tal-istess sentenza msemmija, l-istralċjarja kienet ġiet meħlusa mil-ħatra tagħha bħala tali b' effett mill-istess data;*

*Illi issa permezz ta' rikors l-istralċjarja qegħda titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tordna illi l-isem tal-kumpanija de quo jerġa jitqiegħed fuq ir-Reġistru ai termini tal-Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpanniji. Dan għal zmien qasir illi għandu jiġl ddeterminat minn dina l-istess Qorti sabiex b' hekk l-istess*

*stralċjarja tkun tista' tikkoreġi l-lista tal-kredituri mħejjija minnha billi tinkludi żewġ ipoteki maħruġin favur BNF Bank plc (C 41030). B' dan il-mod kif sostniet l-istess stralċjarja, fir-rikors tagħha, l-istess bank jkun jista' jippregradwa qabel kredituri oħrajn u sabiex l-istralċjarja tkun tista' tqassam l-assi tal-kumpanija in kwistjoni skont il-pregradwazzjoni korretta;*

*Illi l-esponenti ma toġġezjonax għat-talbiet kif magħmula mir-rikorrenti, jiġifieri, illi l-isem tal-kumpanija Cassar & Schembri (Marketing) Ltd.(C 33174) jerġa jitqiegħed fuq ir-Reġistru ai termini tal-Artikolu 300B għal terminu ta' zmien improrogabbli sabiex tiġi rattifikata l-lista tal-kredituri u l-pregwadazzjoni ta' wieħed mill-kredituri tagħha, iktar speċifikament, il-BNF Bank plc (C 41030). Dan dejjem jekk dina l-Onorabbli Qorti fil-fehma tagħha jidrilha illi huwa xieraq u ekwu illi issir dan fid-dawl tal-provi illi jinġiebu quddiemha;*

*Illi għaldaqstant l-esponenti Reġistratur tixtieq umilment tissolleva illi hija lesta illi toqgħod għal kull provediment u direttiva illi dina l-Onorabbli Qorti jidrilha illi huma xieraqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.*

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Settembru 2024, dehret ir-Riċevitur Uffiċjali, Dr Ingrid Hamilton u l-Av. Claudette Fenech għar-Reġistratur intimat.

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Settembru 2024, bi qbil mad-difensuri tal-partijiet il-kawża tħalliet għal-lum għall-provediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirriżulta illi fir-rikors promotur ġie ddikjarat li l-kumpanija **Cassar & Schembri (Marketing) Ltd** kienet ġiet xolta b'effett mit-28 ta' Jannar 2015 permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-3 ta' Novembru 2015 fejn ai termini tal-istess ġie maħtur Dr Richard Galea Debono bħala stralċjarju. Tispjega li l-imsemmi Dr Galea Debono ġie eżonerat mill-irwol tiegħu fil-15 ta' Lulju 2021 meta l-Qorti Ċivili, Sezzjoni Kummerċ ħatret lir-rikorrenti bħala stralċjarju.

Jirriżulta li fl-1 ta' Marzu 2024, ir-rikorrenti ġiet meħlusa mill-ħatra tagħha u l-isem tal-kumpanija xolta ġie mħassar mir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana wara li fl-4 ta' Diċembru 2023, ir-rikorrenti kienet ssottomettiet nota bil-lista tal-kredituri tal-kumpanija bil-gradazzjoni tagħhom iżda tirrileva li f'din il-lista kien hemm żball stante li l-kreditur BNF Bank plc (C 41030) kellu żewġ ipoteki favur tiegħu.

Tgħid għalhekk li dan l-istess żball jeħtieġ jiġi rettifikat u għalhekk għandha interess li l-kumpanija b'responsabilita' limitata Cassar & Schembri (Marketing) Ltd terġa' tiġi restitiwita fuq ir-Reġistru sabiex isiru l-korrezzjonijiet neċessarji.

In sosten tar-rikors tagħha, r-rikorrenti ppreżentat numru ta' dokumenti li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

Fix-xhieda tagħha, ir-rikorrenti Dr **Ingrid Hamilton** tgħid illi l-kumpanija **Cassar & Schembri (Marketing) Ltd** kienet ġiet xolta b'effett mit-28 ta' Jannar 2015 permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-3 ta' Novembru 2015 fejn ai termini tal-istess ġie maħtur Dr Richard Galea Debono bħala stralċjarju. Tispjega li l-imsemmi Dr Galea Debono ġie eżonerat mill-irwol tiegħu fil-15 ta' Lulju 2021 meta l-Qorti Ċivili, Sezzjoni Kummerċ ħatret lir-Riċevitur Uffiċjali, dak iż-żmien Dr Kevan Azzopardi, bħala stralċjarju u eventwalment ir-rikorrenti ssostitwiet lill-imsemmi Dr Azzopardi fl-inkarigu.

Jirriżulta li fl-1 ta' Marzu 2024, ir-rikorrenti ġiet meħlusa mill-ħatra tagħha u l-isem tal-kumpanija xolta ġie mħassar mir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana wara li fl-4 ta' Diċembru 2023, ir-rikorrenti kienet issottomettiet nota bil-lista tal-kredituri tal-kumpanija bil-gradwazzjoni tagħhom - iżda tirrileva li f'din il-lista kien hemm żball stante li l-kreditur BNF Bank plc (C 41030) kellu żewġ ipoteki bir-referenza 4965/2011 u 4966/2011 a favur tiegħu u għalhekk kellu jippregradwa qabel kredituri oħrajn, u ċioe' fil-ħames (5) grad.

Tgħid għalhekk li dan l-istess żball jeħtieġ jiġi retifikat u għalhekk għandha interess li l-kumpanija b'responsabilita limitata Cassar & Schembri (Marketing) Ltd terġa tiġi restitiwita fuq ir-Reġistru sabiex isiru l-korrezzjonijiet neċessarji.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi jirriżulta illi l-pożizzjoni li ħa r-**Reġistratur tal-Kumpanniji** hija li jirrimetti ruħu għall-provi u għall-ġudizzju ta' din il-Qorti.

Illi l-unika insistenza da parti tar-Reġistratur intimat hi illi jekk din il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, allura dan isir fiż-żmien determinat minn din il-Qorti. Iżda oltre' minn hekk, ir-Reġistratur bl-ebda mod mhu jopponi t-talbiet rikorrenti.

**Ikkunsidrat Ultejrorment:**

**Art. 300B tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta:**

*(1) Meta kumpanija tkun tħassret minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna hi li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ.*

*(2) Meta, fuq rikors magħmul taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tkun sodisfatta li l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija jkun vizzjat bi frodi jew b'illegalità ta' natura materjali, il-Qorti tista' tordna li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ għal dawk ir-raġunijiet u għal dak iż-żmien li l-Qorti tispeċifika fid-deċiżjoni tagħha, u l-Qorti għandha tagħti dawk id-direttivi u timponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xieraq.*

*(3) Il-Qorti għandha tilqa' t-talba biss jekk tkun sodisfatta li dak ikun l-uniku rimedju li jkun hemm.*

Il-Qorti tibda biex tgħid illi mill-provi mressqa jirriżulta illi kien sar żball fil-pjan ta' gradwazzjoni u dana stante li ġew injorati għal kollox żewġ ipoteki li kellu l-kreditur BNF Bank plc kontra s-soċjeta' *de quo* u b'hekk kellu jippregradwa qabel kredituri oħra fl-iskema ta' gradwazzjoni.

Huwa ċar f'moħħ il-Qorti li r-rikorrenti ntavolat din il-proċedura sabiex jiġi korrett żball li sar fl-iskema tal-gradwazzjoni sabiex dan ikun jirrifletti d-drittijiet vera u reali tal-kredituri. B'hekk la darba l-iskema ta' gradwazzjoni hija waħda skorretta, isegwi li jeżisti diffett fl-istralċ li jammonta għal illegalita' ta' natura materjali.

Il-Qorti hija ukoll sodisfatta illi ma għaddewx il-ħames snin mid-data illi l-kumpannija ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji u di fatti hemm qbil dwar dan bejn il-partijiet.

Finalment, illi l-Qorti tħoss illi l-uniku mod issir il-korrezzjoni neċessarja msemmija fir-rikors huwa billi jintlaqa' ir-rikors promotur odjern.

Il-**Professur Andrew Muscat** ighid:

> *A liquidator who, whether negligently or fraudulently, fails to take into account a pending claim will, it is submitted, have acted unlawfully. After all, in terms of general principles of law, a person who does not use prudence, diligence and attention of a bonus pater familias and causes damage as a result is deemed to have acted unlawfully. Moreover a liquidator is clearly bound by law to take into account all pending claims against the company (daqstant iehor kull ass attiv), and if he fails to do so through negligence, imprudence or want of attention he should also be deemed to have acted unlawfully*.[1]

**Għaldaqstant**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tqis żball fil-gradazzjoni ta' kreditur fl-iskema ta' gradazzjoni jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali u għalhekk ser tgħaddi biex takkolja t-talbiet tar-rikorrenti u tenut kont ta` l-assjem ta` fatti u ċirkostanzi li l-Qorti ġiet mgħarrfa bihom, din il-Qorti qegħda **tilqa' t-talba tar-rikorrenti** u konsegwentament:

1. Tordna li l-isem **Cassar & Schembri (Marketing) Ltd (C 33174)** jerġa' jidħol fir-Reġistru tas-Soċjetajiet kif mitlub sa mhux aktar tard minn ġimgħatejn mil-lum.

2. Tordna illi jerġa' jinfetaħ l-istralċ tal-istess kumpanniji **Cassar & Schembri (Marketing) Ltd (C 33174)** limitatament sabiex jittieħdu l-passi u l-miżuri kollha neċessarji sabiex tiġi kkoreġuta l-iskema ta' gradazzjoni sabiex tirrifletti l-ipoteki li għandu l-kreditur BNF Bank plc, kif fuq deskritt.

3. Taħtar lir-rikorrenti sabiex tassumi l-funzjonijiet, is-setgħat u l-obbligi kollha ta' stralċjarju tal-kumpannija **Cassar & Schembri (Marketing) Ltd (C 33174)**.

[1] Principles of Maltese Company Law, Second Edition, Vol I

4. Tordna lill-istess rikorrenti sabiex tagħmel dak kollu li hemm bzonn sabiex jittieħdu l-passi u l-miżuri kollha neċessarji sabiex tiġi korretta l-iskema ta' gradwazzjoni u dana skont is-segwenti kondizzjonijiet:

   a) Illi dan il-proċess ta' korrezzjoni u finalizzazzjoni tal-proċess ta' l-istralċ tal-kumpannija **Cassar & Schembri (Marketing) Ltd (C 33174)** għandu jkun komplut sa żmien massimu ta' tmien (8) xhur mil-lum, b'dan illi wara dan il-perjodu r-Reġistratur intimat ikollu s-setgħa illi jerġa' jneħħi isem il-kumpannija msemmija minn fuq ir-reġistru tal-kumpanniji;

   b) F'eventwalita' illi l-korrezzjonijiet neċessarji jiġu konklużi qabel t-trapass tat-tmien (8) xhur msemmija, allura r-rikorrenti għandha tavża b'dan lir-Reġistratur intimat sabiex huwa jkun jista' jgħaddi għat-tneħħija tal-isem tal-kumpannija minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji minnufih.

   c) Illi l-Qorti trid tagħmilha ċara li dan il-provvediment bl-ebda mod ma għandu jfisser li bħal donnu l-Qorti tat jew qed tagħti xi *carte blanche* lill-kumpannija de quo u/jew lill-uffiċjali tagħha u/jew lill-istralċarju tagħha sabiex isir xi haġa oħra, għajr għal dak hawn deċiż u huwa għalhekk illi l-Qorti qed tagħmilha ċara illi una volta' ri-integrata fuq ir-Reġistru, il-kumpanija **Cassar & Schembri (Marketing) Ltd (C 33174)** tista' biss, entro l-perjodu massimu hawnekk konċess, tgħaddi biex tagħmel il-korrezzjoni hawn fuq imsemmija u xejn aktar.

   d) Illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi jista' jinkorri r-reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija kummerċjali b'responsabilita limitata **Cassar & Schembri (Marketing) Ltd (C 33174)** fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet u sabiex jerġa' jikkanċella isem il-kumpannija wara li jsir dak hawn fuq deċiż, ikunu a karigu tar-rikorrent.

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Onor. Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |